MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum 11 ta' Lulju, 2018

Rikors Revoka Numru 358/18LM

**Fl-atti tal-mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv numru 82/2010AL fl-ismijiet:**

**Kummissarju tal-Artijiet**

***vs.***

**Paul Portelli**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fit-18 ta' April, 2018 mir-rikorrent **Paul Portelli** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent"), li jgħid kif ġej:

> *Illi jirriżulta illi dana l-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv huwa maħruġ fuq 'titolu eżekuttiv' li fir-realtà ma jeżistix stante li bħala titolu eżekuttiv l-Kummissarju tal-Artijiet qed jagħmel referenza għall-Ittra Uffiċjali datat 28 ta' April, 2008 ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili;*

*Illi fir-realtà tali ittra qatt ma ġiet reża eżekuttiva u dana stante li tali Ittra ġiet debitament ikkontestata u dana kif jirriżulta mill-Ittra hawn annessa u markata Dokument A;*

*Illi għaldaqstant tali Mandat għandu jiġi revokat b'mod immedjat u dana sabiex l-esponenti ma jibqax jiġi ppreġudikat fid-drittijiet tiegħu;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu għal darb'oħra sabiex dina l-Onorabbli Qorti, b'mod immedjat tirrevoka dan il-mandat fit-totalità tiegħu;*

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' April, 2018, fejn ordnat in-notifika tar-Rikors lill-kontroparti bi żmien ħamest (5) ijiem għar-risposta.

Rat ir-Risposta **tal-Awtorità tal-Artijiet (ġia Kummissarju tal-Artijiet)**(minn issa 'l quddiem "l-Awtorità") li ġiet ippreżentata fit-30 ta' April, 2018, li biha ġie kkontestat:

*Illi l-esponenti jixtieq jirrileva li bir-rispett kollu, l-għemil ta' Paul Portelli huwa abbuż sfaċċat tal-proċedura għal żewġ raġunijiet:*

1. *Illi Paul Portelli qatt ma mexxa l-proċedura appożiti biex jattakka l-ittra uffiċjali originali interpellatorja tal-Awtorita' tal-Artijiet ai termini tal-artikolu 466 ta' Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fi kliem ieħor Paul Portelli naqas milli jintavola r-rikors opportun ai termini tal-artikolu 466 Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi Paul Portelli ma jistax issa jippretendi li jattakka titolu eżekuttiv u jwaqqaf l-eżekuzzjoni tagħha meta ma mexiex mad-dettami tal-Liġi u ma ntavolawx il-proċedura odjerna biex jattakka l-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu surreferit. Illi issa ma jistax jivvinta proċedura appożiti biex jipprova jattakka t-titolu eżekuttiv tal-Kummissarju tal-Artijiet illum Awtorità tal-Artijiet u l-eżekuzzjoni tal-istess skont il-Liġi. L-Awtorità tal-Artijiet (ġia Kummissarju tal-Artijiet) ottemporat ruħha rigorożament skont il-Liġi u għalhekk tippretendi li l-jeddijiet tagħha protetti mil-liġi jiġu salvagwardjati.*

2. *Illi Paul Portelli fl-atti tal-mandat għal darba oħra ma mexiex kif jipprovdi l-Kapitolu 12 u dan għaliex fl-ebda stadju ma intavola għat-tħassir tal-mandat ai termini tal-Kaptiolu 12 u dan presumibbilment proprju għaliex ma għandu l-ebda jedd biex jipproponi dan ir-rikors u minflok qiegħed jipprova jostakola t-twettiq tal-mandat skont il-liġi mingħajr raġuni valida fil-liġi u bil-proċedura mhux prevista fil-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan ix-xkiel fl-eżekuzzjoni tal-mandat li mhux prefiss fil-liġi*

*jmur kontra d-dettami tal-liġi u huwa serjament preġudizzjali għall-interessi u l-aspettattiva legittima tal-Awtorità esponenti.*

*Għal dawn ir-ragunijiet l-Awtorità esponenti umilment tissottolinja l-fatt li t-talbiet kollha ta' Paul Portelli jiġu miċħuda bl-ispejjeż u dan sabiex l-eżekuzzjoni tal-mandat ottjenut skont il-liġi jiġi eżegwit skont il-Kaptiolu 12.*

Rat l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet it-trattazzjoni mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta' Mejju, 2018 fejn ir-rikors tħalla għall-udjenza tal-lum għal provvediment.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Fit-28 ta' April, 2008 il-Kummissarju tal-Artijiet kien interpella permezz tal-ittra uffiċjali numru 1220/2008 lil Paul Portelli (ir-rikorrent odjern) ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 sabiex iħallas is-somma komplessiva ta' tlieta u disgħin elf, erba' mija u sittin Euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€93,460.28) liema ammont intqal li kien dovut kwantu (i) għall-ammont ta' ħamsa u tletin elf, sitt mija u tmien Euro u għoxrin ċenteżmu (€35,608.20) bħala kera ta' kiosk, Bajja tal-Qbajjar, Marsalforn, Gozo għall-perijodu mid-9 ta' Awwissu, 1993 sat-18 ta' Lulju, 1996; u kwantu (ii) għall-ammont ta' sebgħa u ħamsin elf, tmien mija u tnejn u ħamsin Euro u tmien ċenteżmi (€57,852.08) bħala kera ta' kiosk, Bajja tal-Qbajjar, Marsalforn, Gozo għall-perijodu mid-19 ta' Lulju, 1996 sat-8 ta' Awwissu, 2003. In segwitu għall-imsemmiija ittra uffiċjali

numru 1220/2008 il-Kummissarju tal-Artijiet intavola l-Mandat ta' Sekwestru eżekuttiv numru 82/2010 (minn issa 'l quddiem "il-Mandat").

Permezz tal-proċedura odjerna, ir-rikorrent Paul Portelli qiegħed jitlob li din il-Qorti tirrevoka l-imsemmi Mandat fit-totalità tiegħu billi skont hu l-ittra uffiċjali numru 1220/08 qatt ma ġiet reża eżekuttiva *stante* li l-imsemmija ittra kienet ġiet debitament ikkontestata permezz tal-ittra uffiċjali numru 306/2008 ppreżentata minn Paul Portelli fid-9 ta' Mejju, 2008.

Min-naħa tagħha l-Awtorità tal-Artijiet, ġià Kummissarju tal-Artijiet, tikkontendi li ladarba r-rikorrent Paul Portelli naqas milli jsegwi l-proċedura appożita biex jattakka l-ittra uffiċjali 1220/2008 *ai termini* tal-artikolu 466(2) tal-Kap. 12, l-Awtorità tal-Artijiet għalhekk għandha titolu eżekuttiv skont il-liġi u hija m'għandha ssofri l-ebda xkiel fl-eżekuzzjoni tal-imsemmi titolu eżekuttiv permezz tal-Mandat.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Biex jikkontesta l-imsemmija ittra uffiċjali, Paul Portelli kellu fi żmien għoxrin (20) jum min-notifika tal-ittra uffiċjali, jopponi t-talba billi jippreżenta rikors li fih jitlob li l-Qorti tiddikjara t-talba bħala waħda infondata. Minflok ma ppreżenta rikors kif tipprefiġġi l-liġi, Paul Portelli ppreżenta l-ittra uffiċjali numru 306/2008 b'risposta għall-ittra uffiċjali numru 1220/2008. L-artikolu 466(2) tal-Kap. 12 jipprefiġġi b'mod tassattiv illi l-kontestazzjoni għal talba li ssir a tenur tal-artikolu 466(1) tal-Kap. 12, għandha ssir permezz ta' rikors u ċjoè permezz ta' proċeduri kontenzjużi li jridu jiġu mibdija mid-debitur. Il-fatt

li Paul Portelli naqas milli jippreżenta l-imsemmi rikors *entro* t-terminu ta' għoxrin (20) jum mogħti lilu mil-liġi, jfisser li l-Awtorità tal-Artijiet għandha titolu eżekuttiv validu skont il-liġi li għandha kull dritt teżegwixxi permezz tal-Mandat.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija l-Qorti qiegħda tiċħad it-talbiet kollha ta'  Paul Portelli.**

**Bl-ispejjeż ta' dan il-proċediment kontra r-rikorrent Paul Portelli.**

Moqrija.